MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Kompetenza Inferjuri)**
**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Illum 7 ta' Ottubru, 2020

Appell Inferjuri Numru: 113/2018LM

**Pauline u Joseph Scicluna bin-numri tal-karta tal-identita' 967449(M) u 943147(M) rispettivament**

***vs.***

**Bank of Valletta p.l.c. (C2833)**

**Il-Qorti,**

Rat in-nota (*a fol.* 62 tal-proċess) ippreżentata mill-appellati Pauline Scicluna (ID Nru. 967449(M)) u Joseph Scicluna (ID Nru. 943147(M)) fit-30 ta' Settembru, 2020, li permezz tagħha ddikjaraw li filwaqt li qegħdin iċedu l-ilment tagħhom mressaq quddiem l-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji bin-numru 017/2016 fl-ismijiet premessi, qegħdin jirrinunzjaw għall-effetti tad-deċiżjoni tal-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji fl-istess każ u jiddikjaraw li ma għadx għandhom interess fl-ilment imsemmi. Iddikjaraw ukoll li din in-nota qegħda ssir sabiex jillimitaw l-ispejjeż li jistgħu jiġu nkorsi minnhom f'dan l-appell.

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta' Ottubru, 2020 fejn l-Avukat Fracesca Galea Cavallazzi għall-appellanta Bank of Valletta p.l.c., in vista tal-imsemmija nota tal-appellat, irrimettiet ruħha fir-rigward ta' jekk f'dawn iċ-ċirkostanzi huwiex

meħtieġ li tingħata sentenza jew le, u f'kull każ is-soċjetà appellanta irrinunzjat għat-talba għall-ispejjeż.

Tqis li la darba l-appellati ċedew l-ilment tagħhom imressaq quddiem l-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji bin-numru 17/2016 u rrinunzjaw għall-effetti tad-deċiżjoni tal-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji fl-istess każ datata 12 ta' Settembru, 2018, u s-soċjetà appellanta irrinunzjat għat-talba għall-ispejjeż, u rrimettiet ruħha fir-rigward ta' jekk huwiex meħtieġ li tingħata sentenza f'dawn iċ-ċirkostanzi, il-Qorti tiddikjara illi l-mertu ta' dan l-appell huwa eżawrit u tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-atti ta' dan l-appell.

L-ispejjeż ta' dan l-appell jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**